

32000D0390

L 145/36

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

20.6.2000

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-7 ta' Ġunju 2000

li tagħraf fil-prinċipju t-tkomplija tal-inkartament sottomess għal eżami dettaljat bil-ħsieb tad-dħul possibbli ta' l-EXP60707B (*acetamiprid*) fl-Anness I ta' mad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE li tirrigwarda t-tpoġġija fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti

(notifikata bin-numru tad-dokument K(2000) 1562)

(2000/390/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tirrigwarda t-tpoġġija fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/80/KE⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 6(3) miġjub fiha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 91/414/KEE (minn issa 'l quddiem imsejħa "id-Direttiva") ipprovdiet għall-iżvilupp ta' lista Komunitarja ta' sustanzi attivi awtorizzati sabiex jiġu inkorporati fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.
- (2) Nisso Chemical Europe GmbH issottomettiet inkartament dwar is-sustanza attiva EXP60707B (*acetamiprid*) lill-awtoritajiet Griegi fit-22 ta' Ottubru 1999.
- (3) L-awtoritajiet imsemmija għarrfu lill-Kummissjoni bir-riżultati ta' eżami tal-bidu tal-inkartament sabiex jiġi żgurat illi jiġi provvdut it-tagħrif kollu preskritt fl-Anness II u, għall-inqas prodott wieħed għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fih is-sustanza attiva interessata, fl-Anness III tad-Direttiva. Sussegwentement, b'mod konformi ma' l-Artikolu 6(2), l-applikant issottometta l-inkartament lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.
- (4) L-inkartament għall-EXP60707B (*acetamiprid*) kien riferit lill-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti fit-22 ta' Frar 2000.
- (5) L-Artikolu 6(3) tad-Direttiva jeħtieġ il-konferma uffiċjali fil-livell tal-Komunità illi kull inkartament iwettaq il-ħtiġijiet dwar it-tagħrif preskritt fl-Anness II u, għall-inqas prodott wieħed għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fih is-sustanza attiva interessata, fl-Anness III tad-Direttiva.
- (6) Din il-konferma hija meħtieġa sabiex tippermetti l-eżami dettaljat tal-inkartament u sabiex tippermetti lill-Istati Membri li jikkonċedu awtorizzazzjoni proviżorja filwaqt li jitħarsu l-kondizzjonijiet preskritti fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva u, partikolarment il-kondizzjoni li għandha x'taqsam ma' l-istima dettaljata dwar is-sustanzi attivi u l-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti fid-dawl tal-ħtiġijiet preskritti bid-Direttiva.
- (7) Din id-deċiżjoni ma tippreġudikax illi jista jntalab iktar tagħrif minn għand l-applikant sabiex jiġu ċarati ċerti punti fl-inkartament. It-talba mill-Istat Membru rappor-

teur dwar is-sottomissjoni ta' iktar tagħrif meħtieġ sabiex jiċċara l-inkartament ma għandhiex taffettwa l-limitu taż-żmien għas-sottomissjoni tar-rapport riferit fl-artikolu 9.

- (8) L-Istati Membri u l-Kummissjoni jaqblu illi l-Greċja trid twettaq eżami dettaljat dwar l-inkartament EXP60707B (*acetamiprid*).
- (9) Il-Greċja trid tirrapporta l-konklużjonijiet ta' l-eżami tagħha akkumpanjati b'kull rakkommandazzjoni dwar id-dħul jew it-tħollija barra u dwar kull kondizzjoni li għandha x'taqsam magħhom malajr kemm jista' jkun fi żmien ta' sena mid-data tal-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni.
- (10) Il-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma b'mod konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inkartament li ġej jissodisfa, fil-prinċipju, il-ħtiġijiet dwar il-fatti magħrufa u t-tagħrif provduti fl-Anness II u, għall-inqas prodott wieħed għall-protezzjoni tal-pjanti li fih is-sustanza interessata, fl-Anness III tad-Direttiva, filwaqt li jitqiesu l-użi proposti:

l-inkartament sottomess min-Nisso Chemical Europe GmbH lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri bil-ħsieb li jiddaħħal l-EXP60707B (*acetamiprid*) bħala sustanza attiva fl-Anness I ta' mad-Direttiva 91/414/KEE u li kien riferit lill-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti fit-22 ta' Frar 2000.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-7 ta' Ġunju 2000.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 230, tad-19.8.1991, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 210, tal-10.8.1999, p. 13.